# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta’ nhar il-Hamis, 29 ta’ Settembru, 2022**

**Numru**

**Rikors Numru 609/2018 TA**

**Carmel Vella (K.I 602163M)**

**vs**

**Environmental Landscapes Consortium Limited (C30405)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta’ Carmel Vella (l-Attur tat-13 ta’ Gunju 2018 li permezz tiegħu ppremetta u talab is-segwenti:

1.1.”Illi l-attur esponent huwa impjegat tas-soċjeta intimata Environmental Landsacpes Consortium Limited, u ilu hekk impjegat għal numru ta' snin;

1.2.Illi nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) l-esponent kien involut f'inċident fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi tad-dmirijiet tiegħu u fil-kors tal-impjieg tiegħu mas-soċjeta' intimata Environmental Landscapes Consortium Limited;

1.3.Illi b'konsegwenza diretta ta' dan l-inċident l-esponent sofra diżabilita' permanenti ta' tmienja fil-mija (8%) u danni nġenti, hekk kif ser jiġi ampjament ippruvat fil-mori ta' dawn il-proċeduri;

1.4.Illi l-inċident in kwistjoni seħħ unikament minħabba n-nuqqas da parti tas-soċjeta' konvenuta li tonora l-obbligi tagħha li tipprovdi a safe system of work u minħabba traskuraġni, imperizja, nuqqas t'osservanza tar-regolamenti dwar is-saħħa u s-sigurta tal-ħaddiem fuq il-post tax-xogħol u nuqqasijiet oħra imputabbli lis-soċjeta' intimata;

**2. Raġuni għat-Talbiet f'dawn il-Proċeduri**

2.1.Illi minkejja li l-esponent interpella lis-soċjeta' intimata sabiex tersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni minnu sofferti, u dan permezz ta' ittri uffiċjali bin-numri 1274/07, 278/09, 4643/10, 2927/12, 1574/14, 983/16 u 3998/17, is-soċjeta intimata baqgħet inadempienti;

2.2 Illi għalhekk l-esponent ma kellu ebda għażla oħra għajr li jipproċedi b'din il-kawża;

2.3.Illi l-esponent jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment;

**3. Talbiet**

Tgħid għalhekk l-intimata, għaliex m'għandiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni oħra neċessarja u opportuna u għar-raġunijiet premessi kif ukoll għal dawk kollha li jistgħu jirriżultaw waqt it-trattazzjoni ta' dawn il-proċeduri:

i. Tiddikjara li s-soċjeta' intimata Environmental Landscapes Consortium Limited hija responsabbli għall-inċident illi seħħ nhar it-tlieta u għoxrin (23) ta' Gunju tas-sena elfejn u ħamsa (2005) waqt li l-esponent kien qiegħed jaħdem fuq il-post tax-xogħol u għad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-esponent,

ii. Tillikwida d-danni kollha sofferti mill-esponent, okkorendo bl-opera ta' *perit/i nominandi,*

iii. Tikkundanna lis-soċjeta intimata sabiex tħallas lill esponent dawk id-danni kif likwidati;

Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-Ittri Uffiċjali bin-numri 1274/07, 278/09, 4643/10, 2927/12, 1574/14, 983/16 u 3998/17, u l-interessi legali, kontra s-soċjeta intimata li hija minn issa nġunta *in subizzjoni*".

Rat ir-risposta ġuramentata tas-Soċjeta' Environmental Landscapes Limited (Is-Soċjeta' konvenuta) tat-18 ta' Lulju 2018 li permezz tagħha ppremettiet u talbet is-segwenti:

"Norman Mifsud (I.D.462069M), bħala rappreżentant tas-soċjeta' intimata Environmental Landscapes Consortium Limited, hekk kif debitament awtorizzat u wara illi ġie debitament spejgati lilu l-kontenut ta' din ir-riposta, bil-ġurament tiegħu jeċċepixxi:

1. Illi s-soċjeta' intimata tiċħad kwalunkwe r-responsabbilta' għall-allegat inċident li seħħ fit-23 ta' Ġunju tas-sena 2005;

2. **Illi** għaldaqstant l-intimata m'għandiex tiġi kkundannata tħallas l-ebda ammont lill-attur;

3. **Illi** mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur irid jipprova d-danni realment subiti minnu.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra l-attur li huwa min issa inġunt in subizzjoni".

Rat l-atti u dokumenti kollha tal-Kawża.

Semgħet ix-xhieda kollha prodotti fil-kors tal-Kawża. Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet.

Rat li l-Kawża tħalliet għal-lum għas-Sentenza.

**Punti ta' fatti:**

L-attur huwa impjegat tas-Soċjeta' konvenuta bħala ġardinar.

Fil-23 ta' Gunju 2005, ha skoss f'daharu meta kien qiegħed jagħmel xogħol ta' ġardinaġġ. Dan kien b'konsegwenza li kien qiegħed jopera *grass cutter*. Sena qabel, kien diġa' involut f'episodju simili u saħansitra kien għamel sena barra fuq in *jury leave*. Daharu dejjem baqa' jħabbtu fi kwalunkwe biċċa xogħol li kien jingħata anke f'sempliċi attivita' ta' knis.

B'konsegwenza ta' dan għamel dawn il-proċeduri kontra is-Soċjeta' konvenuta.

**Punti legali:**

Jibda biex jingħad li il-prinċipju ġenerali applikabbli għall-infortuni fuq il-lant tax-xogħol huwa dak li kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. Artikoli 1031, 1032, 1033, tal-Kodiċi Civili rispettivament, fis-suċċint jikkomprendu s-

segwenti prinċipji u ċioe`, li qabel kollox kullħadd irid iwieġeb għall-ħsara li jwettaq b'għemilu u li jrid jagħmel tajjeb għad-danni sofferti minn terzi. Il-grad meħtieġ sabiex persuna ma tiġix tenuta responsabbli għad-danni huwa dak ta' prudenza u diliġenza ta' missier tajjeb tal-familja fl-eżerċizzju ta' dak li hu mistenni li jwettaq mill-liġi.

Sa fejn jirrigwarda li dawk li jqabbdu lil ħadd ieħor iwettaq xogħol bħala impjegati, aparti dawn il-prinċipji ġenerali hemm ukoll dawk partikulari b'referenza għall-ħarsien tas-saħħa ta' ħaddiema fuq ix-xogħol.

Il-prinċipji ġenerali li jirregolaw is-saħħa u s-sigurta' fuq il-post tax-xogħol u r-responsabbiltajiet ta' min iħaddem huma ben stabbiliti fil-ġurisprudenza tagħna u anke mfissra f'Liġi speċjali. Bħala prinċipju ġenerali l-ħarsien tas-saħħa u s-sigurta` fuq ix-xogħol għandu jitqies ta' interess pubbliku (Art. 2(a) tal-Att.VII tal-1994 ripetut fl-art 4(1) tal-Att XXVII of 2000 (Kap 424 tal-Liġijiet ta' Malta. Sussegwentement dan l-obbligu kompla jiġi regolat bl-Avviż Legali 44 tas-sena 2002 (LS 424.15) u bl-Avviż Legali 36 ta' l-2003 (LS 424.18).).

Huwa dmir ta' min iħaddem li jipprovdi dik li tissejjaħ bħala "*a safe system of work*", b'dan li huwa obbligu tiegħu li jipprovdi meżżi, apparat u ambjent li ma jkunux ta' perikolu u riskji għas-saħħa u l-ħajja tal-istess impjegat (Ara Att biex jippromwovi s-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b) u Ara **Sentenzi fl-ismijiet John Sultana -vs- Francis Spiteri et noe tat-28 ta' Mejju 1979; Appell, Emmanuel Grech -vs- Carmelo sive Charles Farruġia et noe tas-7 ta' Diċembru 1994; Keith Caruana -vs-**

**Joseph Paris et nominee, P.A. tat-12 ta' Frar 1999)** ) Din il-leġislazzjoni telenka b'mod ġenerali d-dmirijiet ta' min iħaddem.

Ukoll "Huwa dmir ta' kull min jaħdem fuq post tax-xogħol li jħares is-saħħa u s-sigurta' tal-ħaddiema l-oħra fl-istess post, kif ukoll tiegħu stess" (Art. 2(2)(c) Att. VII tal-1994).(Ara **Sentenza fl-ismijiet Robert Azzopardi -vs- Gutenberg Press Limited, Qorti Ċivili Prim' Awla, 31 ta' Ottubru 2013**). Di piu' kif insenjat fis-**Sentenza Carmelo Fenech -vs- Malta Freeport Terminals mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim' Awla per imħallef Joseph R. Micallef fis-16 ta' Mejju 2019**, "*id-dottrina tgħallem illi fil-qasam ta' responsabbiltà dwar korriment li jseħħ fuq il-post tax-xogħol waqt il-qadi ta' dmirijiet tal-persuna li tkun, japplikaw kemm regoli ġenerali kif ukoll speċjali. Ir-regoli ġenerali jgħabbu lil kull persuna bir-responsabiltà għal egħmil jew nuqqas ta' egħmil tagħha (Art. 1031 tal-Kap 16). B'żieda ma' dan, kull min iħaddem jrid iwieġeb għal aġir mal-ħaddiem tiegħu Art. 1037 tal-Kap 16, sakemm ma jintweriex li dak il-ħaddiem naqas li joqgħod għall-istruzzjonijiet jew għall-prekawzjonijiet li l-imgħallem tiegħu jkun widdbu bihom jew ipprovdielu, jew sakemm ma jintweriex li l-ħaddiem, bi traskuraġni jew b'rieda, ikun hu nnifsu ġab l-effetti tal-inċident b'idejh"* (**App. Ċiv. 28.4.2017 fil-kawża fl-ismijiet Tessie Cardona et vs C.V. Builders Ltd. Et**).

Aktar minn hekk, hija regola oħra ewlenija f'dan il-qasam, li l-imgħallem irid jiżgura li jipprovdi lill-ħaddiema tiegħu b'ambjent li jżomm 'il bogħod kull periklu u dan billi jiżgura li jitħaddem sistema xieraq ta' ħarsien minn kull periklu fejn ikun sejjer isir ix-xogħol minnu mitlub. Fid-dritt, dan id-dmir iġorr miegħu grad

għoli ta' responsabbiltà fuq l-imgħallem, u jaqa' fuqu l-piż li jipprova li l-inċident ikun seħħ minkejja li jkun ħares dak kollu li l-liġi tistenna minnu f'dan ir-rigward. Huwa wkoll dmir li jitfa' fuq min iħaddem il-piż li jieħu miżuri preskritti xierqa (Art. 6(2) tal-Kap 424) u jġib miegħu wkoll id-dmir tal-għoti ta' tagħrif meħtieġ, l-għoti ta' tagħlim u taħriġ u kif ukoll superviżjoni biex titħares is-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiem Art. 6(3) tal-Kap 424.

Huwa wkoll stabbilit li dan id-dmir ta' min iħaddem jitlob ukoll li s-sistema tax-xogħol li jkun irid iħares lill-ħaddiema wkoll fil-każ li r-rutina tal-istess xogħol tnissel sens ta' aljenazzjoni jew traskuraġni (Ara **Sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tad-9 ta' Settembru 1981 fil-kawża fl-ismijiet Godfrey Borġ -vs-George Wells et noe** (mhix pubblikata). B'dan kollu dan ifisser li jekk sistema jkun ilu jitħaddem għal tul ta' żmien bla ma qatt ikun inqala' xi inċident, dan ma jfissirx li dak is-sistema huwa wieħed sikur jew li jeħles lill-imgħallem mir-rabtiet imposti fuqu mill-liġi (Ara Sentenza **P.A. tal-10 t'Ottubru 1980 fil-kawża fl-ismijiet Calleja vs Fino** (mhix pubblikata); L-imsemmi grad għoli ta' responsabbiltà li jaqa' fuq min iħaddem ma jeħlisx lil min jaħdem mill-obbligu li jħares is-saħħa u s-sigurtà tiegħu nnifsu u ta' dawk kollha li jistgħu jintlaqtu mix-xogħol li jkun qiegħed iwettaq (Art. 7(1) tal-Kap 424), u b'mod partikolari, għandu jimxi id f'id ma' min ikun qiegħed iħaddmu safejn jidħlu l-obbligi li l-liġi tqiegħed fuq spallejn l-imgħallem u l-awtoritajiet kompetenti (Art. 7(2) tal-Kap 424) u għandu jżomm lura milli jqiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li tesponih għar-riskju bla bżonn u li joqgħod f'kull ħin attent għal dak li jkun qiegħed jagħmel (Ara **Sentenza tal-P.A. tat-30 t'Ottubru 2008 fl-ismijiet Richard Farruġia -**

**vs- Elbros Construction Ltd**). B’mod partikolari, ħaddiem għandu jkun konxju tal-perikli fuq il-lant tax-xogħol tiegħu u ma għandu qatt jagħmel manuvri azzardati li jgħollu r-riskju tal-ħsara jew tal-korriment lilu nnifsu u ’l dawk ta’ madwaru (**Ara Sentenza tal-P.A. tad-9 ta’ Ottubru 2003 f fl-ismijiet Kevin Mallia vs Alf Mizzi & Sons (Marketing) Ltd**).

Irid ukoll jingħad li l-posizzjoni f’każ ta’ sinistri fuq il-post tax-xogħol, il-posizzjoni taħt il-liġi tagħna hija bħal dik prevalent taħt il-*common law Ingliża*. Fil-ktieb **Occupational Health & Safety Law” ta’ Brenda Barrett et (3rd Edit. 1997 paġna 28** ) intqal li fejn hemm kuntratt ta’ impieg “*it could be said that there was an implied duty to take care for the personal safety of the other party to the contract.*”

Dan ifisser li kif ġie osservat fis-**Sentenza fl-ismijiet Debono -vs- Malta Drydocks li ingħatat fis-27 ta’ April 2005** hu biżżejjed għall-ħaddiem li juri n-nuqqas ta’ teħid ta’ miżuri adegwati, bl-obbligu imbagħad ikun fuq min iħaddem biex jipprova jiskolpa ruħu.

Interessanti ukoll dak li jingħad minn Giovanna Visintini fir-rigward tal-liġi taljana dwar infortuni fuq il-post tax-xogħol: *“Passando a’ considerare l’altra previsione dell’obbligo di sicurezza a’ carico del datore di lavoro anche qui una evoluzione guirisprudenziale che, gia’ alla fine del secolo scorso, escogita la costruzione dell’obbligo contrattuale di titular l-incolumita’ dell’operaio, spostando la casistica delgli infortuni sul lavoro dal terreno della responsabbilita’ aquiliana a quella contrattwale con i relattivi vantaggi di ordine probatorio processuale per*

*l'infortunato*" (**Giovanna Visitini, Trattato Breve della Responsabilita' Civile Cedm. Ed 1996**).

Jidher għalhekk, li diversi sistemi ġuridiċi ma jridux li jqegħdu fi svantaġġ proċedurali lill-ħaddiem, li f'sitwazzjonijiet ta' din ix-xorta huwa meqjus bħala l-parti l-aktar vulnerabbli. Dan qiegħed jingħad, mingħajr ebda ħsara għad-dritt ta' min iħaddem, li jressaq il-provi kollha meħtieġa biex jinħeles mir-responsabbilita' tal-okkorrenza tas-sinistru.

Di fatti minkejja dawn il-prinċipji jrid jassisti in-ness ta' każwalita, bejn l-event dannuż u l-għemil ta' min iħaddem. Jibqa' dejjem prinċipju bażilari li r-responsabilita` għal fatt illeċitu ma ġġibx magħha bilfors passibilita` għad-danni: "ovvjament azzjoni bħal din tirrientra f'dik l-iskema tar-responsabilità akwiljana u tippresupponi li d-danni ġew kaġjonati bħala konsegwenza immedjata ta' l-imġieba ta' l-awtur tad-danni. Jikkonsegwi li għas-suċċess tal-azzjoni intentata irid jirriżulta l-leżjoni tad-dritt tat-terz u li dan hu f'rapport kawżali dirett ma' l-att jew fatt (**ara Sentenza fl-simijiet Korporazzjoni Enemalta -vs- Vella Group Limited et, appell Inferjuri, Gunju 2006**). F'każijiet ta' din ix-xorta, trid tirriżulta l-prova biex, b'mod adegwat u konvinċenti, tikkreja n-ness ta' kawżalita` ta' fatt bejn il-kondotta ta' l-aġent u l-event dannuż. Hu wara kollox huwa l-qofol tar-responsabilità extra kuntrattwali, jew akwiljana, illi għad-danni kawżati lit-terzi huwa l-awtur tal-leżjoni li għandu jwieġeb għar-riżarċiment ta' dawn l-istess danni li mill-att jew fatt jidderivaw.

**Konsiderazzjonijiet:**

Il-Qorti eżaminat b-reqqa il-provi kollha prodotti u mill-ewwel tgħaddi biex tgħid li qabel kollox għandu jkun eżaminat jekk is-Soċjeta' konvenuta għandiex twieġeb għad-danni sofferti mill-Attur. Fi ftit kliem, irid jiġi stabbilit jekk kienx hemm in-ness bejn l-għemil ta' min jagħti ix-xogħol u danni sofferti tal-ħaddiem f'każ ta' sinistru industrijali. Il-posizzjoni ġiet imfissra ċara ħafna f'Sentenza tal-Qorti Di cassazione taljana b'dan il-mod:

*"Come è noto la responsabilità del datore di lavoro, ex art. 2087 c.c., non configura un'ipotesi di responsabilità oggettiva, è di natura contrattuale e sul piano della ripartizione dell'onere probatorio incombe al lavoratore che lamenti di avere subito, a causa dell'attività lavorativa svolta, un danno alla salute, l'onere di provare l'esistenza di tale danno, la nocività dell'ambiente di lavoro ed il nesso causale fra questi due elementi, gravando invece sul datore di lavoro, una volta che il lavoratore abbia provato le suddette circostanze, l'onere di dimostrare di avere adottato tutte le cautele necessarie ad impedire il verificarsi del danno, sì che non possa essere a lui addebitabile l'inadempimento all'obbligo di sicurezza previsto dalla norma."* (**Ara Cass. 17 febbraio 2009 n. 3788, Cass. 29 gennaio 2013 n. 2038. Cass., sez. Lav. 27.02.2015, n. 3989**).

Min dan il-bran ta' din is-Sentenza jemerġi ċar li fl-ewwel lok ma hemmx responsabilita' oġettiva da parti tal-employer. Il-piż tal-prova dwar ir-responsabbilita' a' min iħaddem taqa' fuq spallet il-ħaddiem. Stabbilit l-element tan-ness kawżali, sta għal min ħaddem li jipprova li hu għamel dak kollu li seta'

jew dak li titlob il-liġi biex l-infortun indusrijali ma jseħħx. Dan huwa konformi ma' dak li tiddisponi l-liġi fir-regolamenti tas-Saħħa u s-Sigurta` fuq il-Post tax-Xogħol - Att Numru VII tal-1994 fl-artikolu 2(2)(a) u (b). Jekk ma jiġix ipprovat l-element tan-ness kawżali, din il-Qorti ma jkolliex għalfejn tidħol fil-kwistjoni ta' għemil l-employer peress ikun hemm nieqes ir-rabta tal-inċident mal-għemil ta' dan tal-aħħar.

Sa fejn jrrigwarda il-mertu ta' din il-Kawża jirrisulta li l-Attur għandu storja medika ma' dak li għandu x'jaqsam ma' daharu. Di fatti Dr. Fredrick Zammit Maemple, il-mediku espert maħtur minn din il-Qorti, fir-rapport tiegħu jispjega hekk wara li ra l-inkartament tal-isptar:

*" L-inkartament tal-isptar juri li Vella kellu l-ewwel ilment b'ugiegh f'daharu kien fl-1981 meta kellu 17-il sena. Kienu ittiehdu x-rays tas-sinsla u kienu tratawh b'fizjoterapija u pilloli tal-ugiegh, u kienu jarawh kull ftit xhur. Fil-fatt kien attenda l-Orthopaedic Outpatients 10 darbiet minn Settembru sa Frar 1983. Wara dan kien attenda mill-gdid fl-14 ta' Ottubru 1991 b'ilment fic-cunturin ta' daharu li jinzel mir-riglu tax-xellug sal-pexxul. L-ispecjalist li rah (Mr. Chas Grixti) kien esminah u ma sabx nuqqas newroligiku u kien inghata parir li ma jerfax u ma jinklinax 'l quddiem. Wara dan hemm dan hemm nota ta' l-ispecjalist Carmel Sciberras fit-3 ta' April 2003 fejn imsemmi li kien wegga' daharu xaharejn qabel waqt li kien qieghed juza magna li taqta' il-Haxix".*(a' fol 506 u ara ukoll a' fol 613E tergo). Minn dan il-passaġġ jirriżulta bħala fatt, li l-Attur kellu xi xorta kundizzjoni f'daharu li tirrisali għal snin qabel l-inċident mertu tal-din il-Kawża tal-2005.

Dan qiegħed jingħad, indipendentement mill-fatt jekk l-inċident inkwistjoni kienx kontinwazzjoni tal-ewwel wieħed, iġifieri dak tal-2003 jew le. Fuq dan il-punt, kien hemm dibattitu pjuttost sħun bejn il-Bord Mediku tal-Gvern u it-tobba tal-Attur. Fid-deċiżjoni oriġinali tiegħu il-Bord wasal għall-konklużjoni li l-aħħar inċident kien kontinwazzjoni ta' dak tal-2003 għalkemm wara, fuq spjegazzjoni tat-tobba tal-Attur, bidel il-posizzjoni tiegħu anke minkejja li t-tabib Carmel Apap Bologna kien ikkonferma mod ieħor (ara a' fol 166, 167 u 169).

L-Attur kien impjegat bħala ġardinar. Xogħol fin-natura jimporta ċertu skariġġ u li l-użu ta' mgħażqa u qtugħ ta' ħaxix huma attivitajiet tipiċi għal din is-sengħa. Għalkemm ma hux daqstant ċar jekk fl-inċident tal-2005 kienx qiegħed jaħdem bi *grass cutter* jew b'imagħżqa. Ara per eżempju id-dikjarazzjoni li għamel l-Attur, fl-applikazzjoni għal-benefiċċju tal-korriment. Fl-affidavit tiegħu jgħid li kien qiegħed jaħdem bill-*grass cutter* . Meta ġibed biex jixgħelu ħass skoss f'daharu. Ġralu l-istess fl-inċident tal-2003 u b'konsegwenza t'hekk tant li għamel sena ma jersaqx lejn ix-xogħol.

L-Attur presenta numru kbir ta' ċerifkati mediċi ta' Carmel Sciberras. Kważi kien imur kull xahar għandu (ara xhieda Norman Mifsud a' fol 472 u Tergo). L-anqas jilħaq jingħata xi xogħol ġdid, anke jekk ħafif, li ma kienx jilmenta u jipproduċi ċertifikat mediku. Fl-affidavit tiegħu l-Attur jgħid li kien jistenna li jagħtuħ xogħol ħafif bħal ma huwa knis. Di fatti anke Mr. Carmel Sciberras ikkonferma li dan ix-xogħol kien adattat għalih. B'Dan kollu meta ingħata dan ix-xogħol Mr. Carmel Sciberras ħareġ ċertifikat mediku data 22 ta' Gunju 2006 fejn qal hekk:

" He cannot do a gardener's job because he is (kliem ma jingħarafx). *"* (257) . Dan wara li ngħata ".. *a lighter work with a broom*" (a' fol 256). F'ċertifikat ieħor, Mrs C Sciberras jgħid hekk "*I certify that unfortunately Mr. Vella's back is playing again. He thinks that this may have may have been caused by sweeping for a long time*" (Emfażi tal-Qorti a' fol 299). Aktar minn hekk Mr. Sciberras jgħid " *I do not want him to lounge at home doing nothing*" u f'okkażżjoni oħra " *I do not want him to stay napping in bed at home*" (a'fol 264 u 286).(Emfażi tal-Qorti). Meta ċaqalquħ mill-Qrendi, fejn kien joqgħod, għal Marsa biex jagħmel xogħol eħfef, beda jilmenta li ma setax jirkeb vetturi tax-xogħol għaliex kien juġgħu daharu (ara a' fol 276 u 277). F'wieħed miċ-ċertifikati mediċi jingħad li "*Mr.Vella is refusimg to go to work in the work van as this always causes him a stiff back (a' fol 418 u 420).* Kien hemm okkażjonijiet li saħansitra kien iħoss uġiegħ u "*he does not remember a particular episode that has precipitated the pain* (Emfażi tal-Qorti *a' fol 316*).

Parti kbira ta' ċertfikati mediċi esebiti mill-Attur', 142 b'kollox, kollha fihom rakkomandazzjoni tat-tabib li L-Attur għandu jibqa' id-dar jistrieħ jew li kwalunkwe xogħol li jingħata, anke dak li suppost kien aċċettabbli, bħal knis, ma kienx tajjeb għalih. F'ċertifikat minnhom l-istess tabib jgħid li "*I can forsee many more episodes leading sick leave*" (Ara a' fol 278, 279, 281 u 284). Issa dan jikkontrasta ħafna ma' dak li qal l-Attur stess fl-affidavit tiegħu, għaliex ix-xhieda tiegħu saret wara li nħareġ dan iċ-ċertfikat mediku. Forsi dan dovut għall-fatt li tant ġew rilaxxjata ċertfikati mediċi li l-istess Attur nesa x'kien qal lil Mr. C Sciberras.

Apparti dan kollu, jirrisulta li l-Attur flimkien ma ħuh għandhom għalqa li sa ftit qabel l-inċident kien jaħdem fiha. Jekk ma tridx, kien jagħmel użu minn mutur tal-ħart ta' bla roti li żgur jagħti skossi aktar minn *grass cutter*(Ara a' fol 582 u 583). Dan meta skont l-Attur stess il-grass cutter "….*ma tantx fih xoghol. Taqbad u tistraja biss . Ma hemmx x'titghallem fuqu.*" (a' fol 587) . Għalhekk il-Qorti, apparti iċ-ċirkostanzi l-oħra kollha, il-fatt li qabel l-inċident kien juża' mutur tal-ħart, ikkunsidrata l-fraġilita' ta' dahru, ma tista' qatt tkun moralment konvinta li fil-fatt jesisti ness bejn l-inċident u l-għemil tas-Soċjeta' konvenuta. Il-Qorti ma hiex f'posizzjoni li moralment tkun konvinta li dak li qed jilmenta minnu l-Attur tassew ġara fuq il-post tax-xogħol fit-23 ta' Ġunju 2005. Fil-fatt fl-applikazzjoni għal benefiċċju tal-korriment jingħad hekk: "*Skont il-persuna responsabbli minn Carmel vella Charles Attard Id. Card No 388156M dan ma hux kaz ta' injury minhabba li ma kienx xi xoghol iebes. Tajjeb li jigi nnutata li l-persuna (Carmel vella) kien ghamel sena shiha bl-injury"* (a' fol 156).

Mix-xhieda ta' Norman Vella, uffiċjal tas-Soċjeta' konvenuta, jirrisulta kemm kien diffiċli titratta mal-Attur għaliex dan prattikament ma seta' jagħmel xejn. Kull meta dan kien jagħtiħ xi xogħol, anke ħafif, l-Attur kien ikun pront jippresenta ċertifikat mediku. Fil-fhema tal-Qorti, mix-xhieda ta' dan l-uffiċjal, is-Soċjeta' konvenuta kienet qiegħda tagħmel minn kollox biex takkomoda lill-Attur. Fil-fehma tal-Qorti s-sitwazzjoni hija sintetiżżata f'sentenza waħda ta' Mr. Fredrick Spiteri Meample in kontro ezami:

"*Jekk inti titghawweg 'l quddiem u tistrappazzah daharek pero' by definition jekk inti daharek ma jiflahx ghal gardinar tidholx ghal gardinar*".

Di fatti Norman Mifsud, rappresetant tas-Soċjeta' konvenuta jgħid hekk:

*"Ifhimni kont nircievi hafna complaints minghand l-imghallmin tieghu, kull mghallem dan ma jrid jaghmel xejn, barra minn hekk kelli grupp ta' nies biex jaghmel dak li ma jaghmilx hu"*. (a' fol 475 tergo).

L-Attur ma jridx jitlef xogħolu ta' ġardinar meta dan ix-xogħol ma jiflaħx għaliħ. Il-konsegwenza kienet dejjem qed tkun, li kull darba li juġgħu daharu, ikun xi jkun ix-xogħol li jingħata, kien jemmen li huwa tort tal-Employer. Hawnhekk, din il-Qorti tagħmel differenza bejn it-tip ta' xogħol. Hemm dawk ir-riskji li jistgħu ikunu evitati. Eżempju ta' din ix-xorta ta' riskji, bħal meta ġardinar ikun qiegħed juża *grass cutter* u jweġġa' għajnejħ għaliex ma jkunx ingħata ilbies protettiv bħal *vizor* jew *goggles*. Imbagħad hemm riskji, li huma inerenti fin-natura tax-xogħol. Eżempju, ġardinar li meta jkun qed jagħżaq jolqot l-iebes jew jitbaxxa biex jaqla' l-ħaxix u jiġbed muscolu f'daharu. Fil-każ tal-aħħar riskju, l-employer qatt ma jista' jkun tenut responsabbli għad-danni sofferti, għaliex minkejja kull ilbies prottetiv, dawn huma istanzi ta' riskji inerenti fin-natura tax-xogħol. F'dan is-sens, huma rilevanti passaġġ mix-xhieda ta' Norman Mifsud rappresentant tas-Soċjeta' Konvenuta:

"*Ifhmini dan huwa xoghol relatat ma' gardinar. Li kieku tghid wegga' b'mutur tal-hart, it would be a sever accident, imma dan wegga' b'imghazqa u ha skoss go daharu. Dan kif dokumentat fit-tieni injury, …..mill-imaghllem tieghu Charles Attard, li kien dak iz-zmien l-imghallem tieghu ….'Kont qieghed nonqox il-fjuri li hemm imhawla, hadt skoss u hassejt ugiegh kbir go dahari.*" (A' fol 473).

Fl-aħħar nett, minn imkien ma jirrisulta, li l-Attur ma ingħatax ilbies protettiv jew li l-mezzi u għodod provduti mis-Soċjeta' konvenuta kienu difettużi jew fi stat ħażin.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti hija tal-fehma soda, li d-debilita' li qiegħed isoffri l-Attur, b'ebda mod ma ssib il-kawża tagħha fl-għemil skorrett jew kontra l-liġi tas-Soċjeta' konvenuta.

**<u>Decide:</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-Kawża bil-mod segwenti:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tas-Soċjeta' konvenuta u konsegwentement **tiċħad it-talbiet** kollha Attriċi.

Spejjeż tal-kawża a' karigu tal-Attur.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**